MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Numru 218/2004

Il-Pulizija
(Spettur Paul Bond)

Vs

Henry John Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-imputat Hery John Xuereb ta’ karta tal identita’ numru 257963(M) akkuzat:

Talli fit-13 ta’ Frar, 2004 ghall-habta tal-4:30pm, waqt li kien fil-post maghruf bhala ‘‘Phone Link’’, Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta’ mobile phone tal-marka ‘‘Nokia’’ li l-valur tieghu jammonta ghal aktar minn Lm100 izda ‘nqas minn Lm1000 kuena serq hu ggravat bil-valur u dan ghad-dannu ta’ Cecille Borg Olivier.

U aktar talli b'ghemilu kisser il-kundizzjonijiet fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li kienet giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis-26 ta' Mejju, 2003 meta kien instab hati ta' diversi reati ta' serq u kien gie issentenzjat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jametti l-akkuza fl-liema ammissjoni insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidraha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-akkuza ta' serq ta' telefon celulari "Nokia'' hija amessa mill-imputat li kontra tieghu tinsab ukoll pruvata, kif ukoll amessa, l-akkuza li kiser il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza li kienet giet imposta fuq minn din il-Qorti diversament preseduta, b'sentenza tas-26 ta' Mejju, 2003 li ghaddiet in gudikat.

Illi stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat qeghdha issibu hati tal-akkuzi li bihom jinsab akkuzat.

Ghal dik li hi piena rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(a), 28A tal-Kap 9 u tikkundannah Lm100 multa u sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin oltre, u wara li rat l-Artikolu 28B (2b) tal-citat Kap 9, tbiddel l-ordni originali tas-sentenza sospiza tas-26 ta' Mejju 2003 billi tissopendi s-sentejn prigunerija ghall-erba snin dekoribbli mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------